PARLAMENT TA' MALTA

IT-TLETTAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 6095

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 432 tal-24 ta' Frar 2021 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

________________________________

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**KUMMISSARJU TAL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA – KONSULENTI**

**49. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD staqsa lill-Ispeaker:** Jista' L-Ispeaker jagħti informazzjoni lill-Kamra kemm hemm, jekk hemm, u min huma l-konsulenti mqabbdin mill-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Istandards? Fuq liema bażi ta’ kuntratt tqabbdu u jekk kienx hemm sejħa pubblika għall-ingaġġ tagħhom jew proċeduri oħrajn ta’ xiri pubbliku? F’dak il-każ, għal kull konsulent ingaġġat mill-istess Uffiċċju, meta kienet id-data tal-bidu tal-kuntratt?

25.1.2021

**SPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** Skont l-informazzjoni mgħoddija lis-Sedja, id-dettalji mitluba fl-interpellanza tal-Onor. Membru, qed jingħataw fit-tabella t’hawn taħt, ħlief għall-ismijiet tagħhom li qegħdin jingħataw separatament. Tajjeb li jingħad li l-konsulenti kollha mqabbda mill-Kummissarju għall-Istandards huma persuni kkwalifikati u ta’ esperjenza konsiderevoli fl-oqsma tagħhom.

| **Konsulent** | **Data tal-ingaġġ** |
|---|---|
| Konsulent Legali | L-ewwel talba għal parir saret fi Frar 2019 |
| Konsulent Legali | April 2019 |
| Konsulent dwar il-verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-assi | Settembru 2019 |
| Konsulent dwar il-*media* u l-komunikazzjoni | Diċembru 2020 |

L-ewwel konsulent jitħallas għal kull parir u mhux fuq il-bażi ta’ *retainer* jew kuntratt.

Il-konsulenti l-oħra ġew ingaġġati fuq *retainer basis* għal numru ta’ sigħat fil-ġimgħa skont l-artikolu 11 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

24.2.2021